MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## DEMICOLI AUDREY

Seduta ta' 18 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 2136/2002

**Avviz Numru 2136/02 AJD**
**Phoenix Domestic Appliances Ltd**

**vs**

**Chris Bonett**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Settembru, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mija u disgha u ghoxrin lira Maltin (Lm129.00) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja tas-16 ta' Mejju 2002 u dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Lulju 2002, u bl-imghaxijiet mid-dati tal-fatturi sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Veronica Aquilina in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonfermat li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mija u disgha u ghoxrin lira Maltin (Lm129.00), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Lulju 2002, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**